**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 35**

**L-Erbgħa 15 ta' Dicembru 2021**

Il-Kunsilli Lokali ta' Marsaxlokk iltaqa' fil Binja tal Kunsill , li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, fl-16:30.

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | – | Sindku |
| Elenia Desira | – | Viċi Sindku |
| Janice Chetcuti | – | Kunsillier |
| Daniel Zerafa | – | Kunsillier |
| Stephen Caruana | _ | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Charles Attard | – | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk. Malta.
☎:21652525, 21650937 marsaxlokk.lc@gov.mt www.lc.gov.mt/www.marsaxlokklc.com

| | |
|---|---|
| **35.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġiji** |
| **35.1.1** | Xejn |
| **35.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| **35.2.1** | Dr.Janice Chetcuti irrimarkat 34.9.1 tal-laqgħa preċedenti fejn qalet li kien hemm persuna li bgħatilha messaġġ dwar il-Boat storage. Hi qalet li ħassita urtata u mweġġa għax din il-persuna saqsiet fejn kien il-Kunsill meta ittieħdet id-deċiżjoni dwar il-Boat storage. Janice tenniet li l-Kunsill kien għamel l-għalmu tiegħu u sa anke daħal appell. |
| **35.2.2** | Kopja tal-minuti tas-seduta preċedenti numru 34 tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ta' dawn il-laqgħat ittieħdu bħala moqrija. |
| **35.2.3** | Elenia Desira pproponiet u ssekonda Stephen Caruana bħala korretti, il-minuti tas-Seduta preċedenti numru 34 u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| **35.24** | Kopja tal-minuti tal-Laqgħa Annwali tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ta' dawn il-laqgħat ittieħdu bħala moqrija. |
| **35.2.5** | Elenia Desira pproponiet u ssekonda Stephen Caruana bħala korretti il-minuti tal-Laqgħa Annwali u ġew approvati b'votazzjoni unnanima fost dawk preżenti. |
| **35.3** | **Komunikazzjonijiet mis-Sindku** |
| **35.3.1** | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fit-23 ta` Novembru, is-Sindku flimkien mal-Assistent Principal Jordy Brincat kellhom laqgħa mal-Perit Robert Grech fejn tkellmu dwar is-Siġar tal-Housing Estate u biex insibu fondi għal Sqaq Busbiesi. |
| **35.3.2** | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fit-2 ta` Diċembru, is-Sindku flimkien mal-Assistent Principal Jordy Brincat kellhom laqgħa ma' Infrastructure Malta mal-Inġ Frederick Azzopardi u l-Perit Raphael Abdilla fejn tkellmu biex issir Triq tas-Silġ (l-ewwel parti t'isfel), biex isir tarmak fi Triq Wilga fejn il-bandli u central strips tal-Magħluq. |
| **35.3.3** | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fit-3 ta` Diċembru, is-Sindku flimkien mal-Assistent Principal Jordy Brincat kellhom laqgħa mal-Melita u Power Solutions fejn tkellmu biex isiru panelli tad-dawl fil-parking tal- ground u fuq il-binja il-ġdida tal-Kunsill.<br><br>Rigward dan is-sugett tressqet mistoqsija lill-Kunsilliera fejn intalab jaqblux li tintalab id-Devoluzzjoni tal-Car Park u wara jgħaddu għat-taħdidiet sabiex isiru il panelli.<br><br>Kien hemm qbil unanimu bejn dawk prezenti sabiex tintalab id-devoluzzjoni tal-Car Park.<br><br>Dr.Janice Chetcuti talbet li ikun aħjar jekk tiġi diskussa aktar tard it-tieni parti tal mistoqsija. |

| | |
|---|---|
| **35.3.4** | Is-Sindku informa l-Kunsilliera prezenti li fis-6 ta` Dicembru, Is-Sindku flimkien mal-Assistent Principal Jordy Brincat kellhom laqgħa online ma' CEO tal-Water Services Corporation fejn ġiet diskussa il-problema tad-drenaġġ ta' Triq Barthelemy, u dwar ix-xogħlijiet fit-toroq Kajjik u Ċippi. Tkellmu wkoll dwar il-manholes fi Triq iz-Zejtun. |
| **35.3.5** | Is-Sindku tkellem dwar il problema tat-tankijiet taż-żejt. Hu tenna li filgħodu marru tal-ERA u nstabu 60 landa żejt ħdejn dawn it-tankijiet u li kienu ukoll mimlija. Daniel saqsa min qed ibattal dawn it-tankijiet fejn ġie mwieġeb li ħadd. Il-Kunsill ma jiflaħx joħrog flus għal dan u kienu irranġaw sabiex jitpoġġa it-tank fil-Hard Standing. |
| **35.3.6** | Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv spjega li l-Kunsill ftit tax-xhur ilu kien impjega persuna ġdida fuq bażi part time. Wara evalwazzjoni tax-xogħol tagħha, jidher li din laħqet il-miri u għalekk talab li tinqaleb għal full time meta tagħlaq is-sitt xhur tal-probation. Kien hemm qbil unnanimu fost dawk preżenti għal din il proposta. |
| **35.3.7** | **Tender tal bandli.** Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qal li it-tender tal-bandli infetħet u ntrebħet mil-kumpanija Gokker. GĦalhekk se jkompli l-proċess. |
| **35.4** | **Mistoqsijiet mill-Kunsilliera** |
| **35.4.1** | Daniel Zerafa tkellem dwar aktar infurzar ta' fejn kullħadd għandu jarma. L-inċident tiegħu u ta ħuħ fejn dawn ġew aggredidti kien seta jiġi evitat kieku kulħadd jaf iżomm postu. Hu saqsa ukoll xi żvilupp hemm rigward Master plan. Hu talab li ma jkunx hemm aktar dewmien minn sena għal-oħra. Is-Sindku wieġeb li ħafna mit-tkaxkir u dewmien huwa minħabba l-Elezzjoni. Hu jiġi mwaqqaf li jmexxi u jieħu riedni f'idejh. Daniel baqa jesieġi li issir infurzar għaliex iż-żejjed il kunsill hu awtorita'. Janice Chetcuti talbet li tinstab it-triq tan-nofs. Ġie maqbul li tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss. |
| **35.4.2** | Daniel Zerafa saqsa sabiex ikun hemm scooters. Is-Sindku qal li ħadd ma ġie jiddiskuti mal-Kunsill rigward dan għalekk ser jiġbor dawn l-iscooters u jimxu min hemm. Janice saqsiet jekk hux legali li tagħmel dan peress li dawn iħalsu tip ta' liċenzja. Is-Sindku tenna li jistgħu joħorgu minnha peress li fil pjazza ma jsirx parking. Daniel qal li preżentement dawn għandhom permess anki jinstaqu fuq bankina liema liġi ser tiġi riveduta minħabba nuqqas ta' ordni u inċidenti. Dawn għandhom ikunu miġbura f'post għalijhom puliti. |
| **34.4.3** | <u>**Management letter.**</u> Bħala rapport kien tajjeb l-awdituri innutaw biss teknikalitajiet zgħar fejn il-Kunsill ser jirrispondi li ser ikun qed jieħu azzjoni sabiex jitraġaw dawn l-affarijiet. |
| **35.5** | **Ikla tal-Milied** |
| **34.5.1** | L-ikla għal-Kunsill kollhu ser isir nhar it-23 ta Diċembru 2021 għal xi 12:00pm. Kien hemm qbil. |

| | |
|---|---|
| **35.6** | **Boat Storage** |
| **35.6.1** | Is-Sindku qal li kienu tkelmu saħansitra kien hemm ukoll kandidat fir-rigward. Qal ukoll li il-permess ħareġ u ma tantx hemm x'jista jsir. Elenia Desira u Janice Chetcuti qablu li ikun tajjeb li l-Kunsill għandu joħroġ press release tax-xogħol li għamel sabiex il-pubbliku ikun jaf xi stand ħa il-Kunsill. Daniel Zerafa jista jipproduċi il-karti kollha tal-proċess. Stephen Caruana qal li bħala rappreżentant tas-sajjieda hu kien preżenti u appoġja lil-Kunsill. Janice Chetcuti hawn saqsiet x'użu għamlu min dan il boat storage is-sajjieda?<br><br>Sar qbil li ssir stqarrija fejn ifakkar l-azzjonijiet li ħa l-kunsill matul il-proċess tal-permess bid-dettalji kollha neċessarji. |
| **35.7** | **Performance Bonus** |
| **35.7.1** | Performance Bonus tal-ħaddiema u tad-Deputat Segretarju Ezekuttiv ġie approvat. |
| **35.8** | **Planning Authority** |
| **35.8.1** | Daniel Zerafa qal li l-applikazzjoni tal binja max -xatta ġiet rifjutata. L-oġġezzjoni tal kunsill intlaqgħet |
| **35.8.2** | Daniel Zerafa qal li qed jinxtraw għelieqi għall-użu rikreazzjonali u is-sidien qed jgħidu li il-mgoddijiet qed jgħidu li tagħhom. Il-Kunsill għandu jiġbed l-attezjoni lil-Awtorita'. Il-Plannig għandha tieħu azzjoni u dak li hu tal-pubbliku jibqa tal-pubbliku. |
| **35.8.3** | Daniel Zerafa tkellem dwar il-Football ground. Dawn talbu li jsir ħajt sabiex jipprezerva dik l-art għall-użu tal-istess club. Dan ifisser li ser jieħu xi parkeġġi minn issa. Janice Chetcuti staqsiet sabiex jiġu ċċekjati l-permessi u l-pjanti. Is-Segretarju Eżekuttiv propona li jitqabbad perit sabiex jiċċekja ġietx devoluta l-art jew le. Jekk iva jintalab li ma jsirx dan iċ-ċint, jekk le il-Kunsill jesieġi li dan ma jsirx.<br><br>Gie maqbul hekk. "Il-Kunsill qiegħed jaqbel li jekk l-art ġiet mgħoddija lilu u ser isir il-boundary wall, fl-istess zmien irid jiġi aġġustat l-ammont ta' parkeġġi fil parkeġġ eżistenti biex ipattu għall numru ta parkings li ser jintilfu" |
| **35.8.4** | Il-Kunsillier Daniel Zerafa Għandu riservi rigward l-għoli tal-binja ta' dar tal-anzjani imma ser titħalla id-deċiżjoni f'idejn l-Awtorita tal-Ippjanar. |
| **35.9** | **Kunsiderazzjoni U approvazzjoni tal Iskedi tal-Pagamenti** |
| **35.9.1** | Petty cash proponiet Elenia Desira u ssekonda Stephen Caruana. |
| **35.9.2** | Skeda tal-pagament proponiet Elenia Desira u ssekonda Stephen Caruana. |

| | |
|---|---|
| **35.10** | **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| **35.10.1** | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fil-17:25, wara li ġiet eżawrita l-Aġenda, u ġiet aġġornata għal nhar il-Hamis 20 ta' Jannar 2022, fl-16:30. |
| | |

Konfermati, illum 20 ta' Jannar 2022

**IFFIRMATA**

_______________________

**Steven Grech**
*Sindku*

**IFFIRMATA**

_______________________

**Charles Attard**
*Deputat Segretarju Eżekuttiv*